# QORTI ĊIVILI - PRIM' AWLA

**IMĦALLEF**
**ONOR. MARK CHETCUTI LL.D.**

Fl-atti tar-Rikors Guramentat
Nru: 374/2011

**Mary Grace Vella**
***vs***
**Clive Farrugia**

Illum, 02 ta' Marzu 2016,

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-Ministru tal-Finanzi tas 17 ta' Jannar 2016,

Rat ir-risposti tal-partijiet,

Il-Qorti tqis li din hi talba biex ir-rikorrent jiddahhal fil-proceduri ai termini tal-art. 1165 tal-Kap. 16 peress illi hallas dejn dovut lil kreditur.

Il-Qorti tqis din it-talba bla bazi legali peress illi l-mod kif wiehed jidhol f'kawza gia pendenti huwa jew billi jassumi l-atti f'kaz ta' mewt jew ghar-raguni ohra flok parti gia fil-kawza ai termini tal-art. 810A tal-Kap. 12 jew billi jixtri d-dritt litigjuz u jidhol flok dik il-parti ai termini tal-art. 1469 tal-Kap. 16 altrimenti l-ligi tippresupponi biss dhul fil-kawza bhala kjamat jew bhala intervenut ghal interess li jista' jkollu.

F’dan il-kaz ir-rikorrent ipprezenta skrittura fejn gie dikjarat li hallas somma flus ex gratia skond il-ligi lil attrici ghal allegati danni sofferti f’persuntha mill-konvenut wara aggressjoni.

Gie dikjarat ukoll li in kwnatu ghal dik is-somma mhallsa qed jig surrogat fid-drittijiet tal-attrici.

Fil-fehma tal-Qorti din is-surroga ghalkemm taghmel stat bejn il-partijiet li resqu ghal skrittura ma taghti ebda jedd fil-ligi lil Ministru tal-Finanzi li jidhol f’din il-kawza flimkien mal-attrici fi proceduri gia mibdija minnha meta l-istess attrici ma cedietx id-dritt litigjuz li ghandha lill-istess Ministru u fejn, kif dikjarat fl-iskrittura, l-interess tal-Ministru hu biss li jigi rifuz min ghandha s-somma mhallsa jekk l-attrici tirbah il-kawza u tithallas xi danni.

Billi t-talba tal-Ministru lanqas tispecifika f’liema vesti jixtieq jiddahhal fil-kawza u tenut kont ta’ dak li nghad aktar il-fuq, tichad it-talba.

Tordna l-isfilz mill-atti tad-dokumenti kollha prezentati mar-rikors eskluz Dok. MF1 minn fol. 238 sa 241, Dok. C a fol. 251 u Dok. D a fol. 252, billi jikkostitwixxu provi mhux awtorizzati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur